A.L. 63 ta' l-1989

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI
(ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolament li jemenda r-Regolamenti R01 ta' l-Università ta' Malta

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 29 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga r-Regolament li ġej magħmul mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 33 ta' dak il-Att:—

Titolu fil-Qosor

Dan ir-Regolament jista' jissejjaħ Regolament li jemenda r-Regolamenti R01 — REGOLAMENTI GĦAD-DĦUL ta' l-Università ta' Malta imdaħħla fl-Iskeda III ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni.

Emenda Nru. 1 tar-Regolamenti R01

1. Ir-Regolamenti R01 — REGOLAMENTI GĦAD-DĦUL huma emendati skond kif ġej:—

(A) Il-provvedimenti esistenti, mill-bidu tagħhom sat-tmiem tal-paragrafu 1 tat-taqsima 1.2, jitħassru u minflokhom jidħlu dawn li ġejjin:

1. **Dħul għal Kors ta' l-Istudji**

1.1 ***Korsijiet għal Grad.*** Biex jiddaħħal f'kors ta' l-istudji li jwassal għal grad, kandidat irid:

(a) ikun intitolat biex jidħol fl-Università bħala student regolari skond ir-regolament 2; *u*

(b) jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra li jistgħu jidħru fir-regolamenti u l-'bye-laws' ta' dak il-kors.

1.2 ***Korsijiet għal Diploma.*** Biex jiddaħħal f'kors ta' l-istudji li jwassal għal diploma, kandidat irid:

(a) ikun intitolat biex jidħol fl-Università bħala student regolari skond ir-regolament 2:

Iżda b'dan, meta kors għal diploma jdum sentejn jew aktar, u r-regolamenti għall-kors espressament jippermettu, kandidat jista' jitħalla jagħmel l-ewwel sena bħala student bi prova (ara r-regolament 3.1);
u

(b) jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra li jistgħu jidħru fir-regolamenti u l-'bye-laws' ta' dak il-kors.

1.3 ***Korsijiet għal Ċertifikat.***

1.3.1 *Korsijiet Fundamentali.* Biex jiddaħħal f'kors ta' l-istudji li jwassal għal ċertifikat li jkun kwalifika għad-dħul fl-università bħala student regolari, kandidat irid:

(a) ikun intitolat biex jidħol fl-università bħala student bi prova skond ir-regolament 3.1; *u*

(b) jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra li jistgħu jidħru fir-regolamenti u l-'bye-laws' ta' dak il-kors.

1.3.2 *Korsijiet oħra għal Ċertifikat.* Biex jiddaħħal f'kors għal ċertifikat li m'hux kors fundamentali, kandidat irid jissodisfa r-rekwiżiti li jistgħu jidħru fir-regolamenti u fil-'bye-laws' ta' dak il-kors (ara wkoll ir-regolament 3.2).

2. **Studenti Regulari ta' l-Università**

2.1 Kandidat jista' jiddaħħal fl-Universiotà bħala student regolari jekk hu:

(i) jissodisfa r-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul kif inhuma mogħtija fir-regolament 6.1; *jew*

(ii) huwa gradwat ta' università magħrufa mis-Senat għal dan il-għan; *jew*

(iii) inġħata diploma approvata minn istituzzjoni ta' l-edukazzjoni terzjarja magħrufa mis-Senat għal dan il-għan; *jew*

(iv) kiseb iċ-Ċertifikat fl-Istudji Fundamentali ta' l-Università.

2.2 Kandidat jista' jiddaħal ukoll bħala student regolari ta' l-Università jekk hu:

(a) (i) kien reġistrat bħala student f'università oħra magħrufa mis-Senat għal dan il-għan; *jew*

(ii) għandu kwalifiki ta' livell akkademiku simili għal dawk li hemm imsemmija fir-regolament 2.1; *jew*

(iii) ikun qabeż l-età ta' 23 sena fl-1 ta' Ottubru li jkun ġej;

u

(b) ikun tqies intitolat għad-dħul bħala student regolari mill-Bord tad-Dħul imwaqqaf skond ir-regolament 5.

3. **Studenti bi prova u Studenti Provviżorji**

3.1 ***Studenti bi Prova.*** Kandidat jista' jiddaħħal fl-Università bħala student bi prova jekk hu:

(a) jissodisfa r-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul Mnaqqsa kif inhuma mogħtija fir-regolament 6.2; *jew*

(b) applika għad-dħul skond ir-regolament 2.2 iżda hu mistenni mill-Bord tad-Dħul li jissodisfa kundizzjonijiet addizzjonali qabel ma jidħol bħala student regolari, u dawn il-kundizzjonijiet oħra jistgħu jiġu sodisfatti billi jagħmel parti speċifika tal-kors jew il-kors shih li l-kandidat ikun qiegħed ifittex li jidħol għalih.

3.2 ***Studenti Provviżorji.*** Fil-każ ta' kors għal ċertifikat li ma jeħtieġx li kandidat ikun intitolat għad-dħul bħala student regolari jew student bi prova, kandidat jiddaħħal bħala student provviżorju ta' l-Università għal tul il-kors:

Iżda b'dan, il-kandidat jista' jitlob li jiddaħħal bħala student regolari jekk għandu l-kwalifiki meħtieġa.

4. **Reġistrazzjoni bħala Student Matrikolat**

4.1 Kandidat li ddaħħal f'kors ta' l-istudju bħala student regolari jkun reġistrat bħala student matrikolat ta' l-Università.

4.2 Kandidat li jikkwalifika għad-dħul bħala student regolari billi jkun issodisfa r-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul (ara r-regolament 2.1(i)), jista' japplika biex ikun reġistrat bħala student matrikolat anki jekk ma jkunx qiegħed ifittex li jidħol għal kors ta' l-istudji.

4.2.1 Ċertifikat tar-reġistrazzjoni jista' jinħareġ lil kandidat li japplika skond ir-regolament 4.2, u jsir il-ħlas imsemmi.

5. **Il-Bord tad-Dħul**

5.1 Il-Bord tad-Dħul huwa magħmul minn dawn il-membri:

ir-Rettur, jew id-delegat maħtur tiegħu, chairman *ex-officio*,
id-Dekan, jew id-delegat maħtur tiegħu, minn kull Fakultà,
ir-Reġistratur.

5.2 Il-Bord tad-Dħul ikollu is-setgħa:

(a) li jiddeċiedi jekk kandidat jistax jidħol bħala student regolari, bi prova jew provviżorju ta' l-Università u jistax jidħol għal xi kors ta' l-istudji;

(b) li jiddeċiedi jekk kandidat jistax jiddaħħal bħala student regulari ta' l-università skond ir-regolament 2.2 u, fejn jidhirlu li hu xieraq:

(i) li jitlob lil dan il-kandidat li jissodisfa kundizzjonijiet addizzjonali qabel ma jiddaħħal bħala student regolari; *u/jew*

(ii) li jdejjaq l-għażla tal-kors, jew ta' l-għażliet fi ħdan kors, li dan il-kandidat jista' jiddaħħal għalihom;

(c) li jiddeċiedi fuq min jista' jiddaħħal għal kors li d-dħul għalih huwa limitat, skond il-provvedimenti tar-regolamenti u l-'bye-laws' għal dak il-kors u l-kriterji l-oħra stabbiliti permezz ta' regolamenti magħmula mis-Senat;

(d) li jfittex il-parir tal-kumitat tad-dħul tal-fakultà (magħmul mid-Dekan jew mid-delegat tiegħu u minn għal inqas żewġ membri akkademiċi oħra maħtura mill-Bord tal-Fakultà kkonċernata) fuq kull materja li tolqot l-eliġibilità għad-dħul f'xi kors ta' l-istudji f'dik il-fakultà, u b'mod partikolari jekk kandidat li qiegħed jitlob li jidħol bħala student regolari skond ir-regolament 2.2(a)(iii) għandu l-isfond akkademiku neċessarju biex isegwi bi profitt l-kors ta' l-istudji kkonċernat;

(e) li jagħti parir lis-Senat fuq il-materji kollha li jolqtu d-dħul fl-Università u fil-korsijiet ta' l-istudji.

5.3 Il-*quorum* għal laqgħat tal-Bord tad-Dhul ikun ħamsa.

6. **Rekwiżiti għad-Dħul**

6.1. ***Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul*** (ara regolament 2.1). Ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul huma ċertifikati fis-suġġetti approvati fil-livelli varji ta' l-Eżami tal-

Matrikola ta' l-Università, jew f'livelli li jikkorrispondu għalihom ta' eżamijiet oħrajn magħrufa mis-Senat bħala ekwivalenti għal dan il-għan, kif ġej:

Mill-1 ta' Ġunju 1989:

I. Tliet ċertifikati fil-Livell Avanzat, li minnhom tnejn iridu jkunu ta' Grad Ċ jew ogħla u wieħed ta' Grad D jew ogħla;

II. Ħames ċertifikati fil-Livell Ordinarju;

III. Ċertifikat fis-"Systems of Knowledge".

Provvediment Tranżitorju, li jgħodd biss sal-31 ta' Mejju 1989:

I. Tliet ċertifikati fil-Livell Avanzat, li minnhom tnejn iridu jkunu ta' Grad Ċ jew ogħla;

II. Erba' ċertifikati fil-Livell Ordinarju.

6.1.1 (a) Is-suġġetti offruti għandhom jinkludu:
Il-Malti,
L-Ilsien Ingliż,
Il-Matematika, u
għallinqas wieħed minn dawn: l-Għarbi, il-Franċiż, il-Ġermaniż, it-Taljan.

Ebda suġġett ma jista' jiġi offrut fil-livelli 'A' u 'O' f'daqqa.

(b) *Lista tas-Suġġetti Approvati.* Is-Suġġetti għandhom jingħażlu minn lista approvata mis-Senat għal dan il-għan:

Iżda b'dan, f'ċirkostanzi speċjali, il-Bord tad-Dħul jista' jilqa' l-aktar suġġett wieħed offrut li m'hux fil-lista.

(c) Is-Senat, meta jagħraf eżami bħala ekwivalenti għall-Eżami tal-Matrikola għall-għan ta' dan ir-regolament, jista' jeskludi suġġetti u livelli speċifiċi minn dan l-għarfien. Din l-esklużjoni tkun murija biċ-ċar fil-'Lista tas-Suġġetti Approvati'.

(d) Il-'Lista tas-Suġġetti Approvati' u ta' l-eżamijiet magħrufa tkun imxandra fil-Gazzetta tal-Gvern għallinqas darba fis-sena.

6.2 ***Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul Imnaqqsa*** (ara r-regolament 3.1). Ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul Imnaqqsa huma r-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul kif inhuma mogħtija fir-regolament 6.1, b'dan it-tibdil:

(i) it-tliet ċertifikati fil-Livell Avanzat jistgħu jkunu f'kull grad;

(ii) ċertifikat fis-"Systems of Knowledge" m'hux meħtieġ.

6.3 ***Rekwiżiti Speċjali għall-Kors.*** Ir-regolamenti u l-'bye-laws' għal kors ta' l-istudji jistgħu jispeċifikaw rekwiżiti oħrajn għad-dħul f'dak il-kors. Jistgħu partikolarment jillimitaw l-għażla tas-suġġetti li jistgħu jkunu offruti fil-Livell Avanzat u Ordinarju, jew jispeċifikaw kwalifiki alternattivi għad-dħul li jistgħu jintlaqgħu, kollha kemm hemm jew parti minnhom, bħala 'kwalifiki ta' livell akkademiku simili' għall-għanijiet tar-regolament 2.2.

6.3.1 Kandidat li hu gradwat ta' università jew għandu kwalifiki oħrajn meqjusin suffiċjenti jista' bil-parir tal-kumitat tad-dħul tal-fakultà kkonċernat ikun eżentat mill-Bord tad-Dħul minn kull suġġett li jkun meħtieġ ċertifikat fih għad-dħul f'xi kors f'dik il-Fakultà.

7. **Suġġetti Obbligatorji għad-Dħul għall-Korsijiet ta' Grad u Diploma** (regolament għall-għanijiet ta' l-Istatut 1.2).

7.1 Minkejja l-provvedimenti tar-regolament 6, il-Bord tad-Dħul, f'ċirkustanzi speċjali, jista' jagħti eżenzjoni mill-Malti u/jew mill-Ingliż, kif hemm speċifikat fir-regolamenti 7.1.1 u 7.1.2.

7.1.1 Kandidat mhux Malti minflok il-Malti jista joffri l-lingwa tiegħu stess jew suġġett ieħor mil-'Lista tas-Suġġetti Approvati'.

7.1.2 Kandidat Malti li, minħabba li kien igħix barra jew jistudja barra għal perijodu sinjifikanti fl-aħħar erba' snin ta' qabel, ma rċeviex tagħlim adekwat fil-Malti jista' jitħalla mill-Bord tad-Dħul li joffri minflok il-Malti lingwa oħra jew suġġett ieħor mil-'Lista tas-Suġġetti Approvati'.

8. **Provvedimenti Oħra**

8.1 ***Id-Dħul f'Kors wara li jkun beda.*** Kandidat li hu kwalifikat għad-dħul fl-Università bħala student regolari jista' jitħalla mill-Bord tad-Dħul, skond kundizzjonijiet li dan jista' jimponi, jidħol f'kors ta' l-istudji fit-tieni sena tiegħu, bil-kundizzjoni li l-Bord tal-Fakultà kkonċernata huwa sodisfatt li l-kandidat għamel, f'xi istituzzjoni magħrufa ta' edukazzjoni oġħla, parti suffiċjenti mis-sillabu ta' dak il-kors b'mod li jkun f'qagħda li jtemm l-ewwel sentejn tal-kors f'sena waħda.

8.1.1 Is-Senat, bil-parir tal-Bord tal-Fakultà kkonċernata, jista' jħalli li l-kandidat ikun ikkunsidrat mill-Bord tad-Dħul biex jidħol fit-tielet sena tal-kors. Il-provvedimenti tar-regolament 8.1 japplikaw *mutatis mutandis*.

8.2 ***Korsijiet fl-Istess Żmien.*** Jekk mhux bil-permess speċjali tas-Senat, student ma jistax jirreġistra fl-istess żmien għal iżjed minn kors wieħed ta' l-istudji li jwassal għal grad, diploma jew ċertifikat, ħlief fil-każijiet imsemmija fir-regolamenti 8.2.1.

8.2.1 Dawn il-korsijiet li ġejjin jistgħu jsiru fl-istess żmien:

(a) il-korsijiet li jwasslu għall-grad ta' LL.D. u għad-diploma ta' Nutar Pubbliku;

(b) kors *(part-time* jew *full-time)* li jwassal għal grad, diploma jew ċertifikat, u kors *part-time* li jwassal għal ċertifikat.

8.3 ***Studenti Okkażjonali.*** Ir-Rettur jista' jħalli persuna tattendi kors ta' konferenzi jew klassi prattika bħala student okkażjonali, bil-kundizzjoni li kull għalliem ikkonċernat jaċċetta li jilqa' lill-istudent u huwa sodisfatt li l-istudent għandu l-isfond akkademiku meħtieġ biex isegwi l-konferenzi jew il-klassijiet prattiċi bi gwadann. Ir-Rettur, bid-diskrezzjoni tiegħu, jista' jirtira dan il-permess f'kull żmien.

8.3.1 Studenti okkażjonali ma jkollhomx il-jeddijiet u l-privileġġi mogħtijin lil studenti regolari u ma jistgħux jagħmlu eżamijiet ta' l-Università. Dawn l-istudenti, madankollu, huma marbutin bir-regolamenti dixxiplinarji ta' l-Università.

(B) Minflok il-kliem "2. Kwalifiki għad-Dħul għall-1988 u għall-1989" għandhom jidħlu l-kliem "9. Provvediment tranżitorji: Kwalifiki għad-Dħul għall-1988 u għall-1989".